MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 303/2006

**Walter Farrugia u għal kull interess li jista' jkollha Maria Theresa Farrugia mart l-istess Walter Farrugia**

***Versus***

***Malta Institute of Management* u għal kull interess li jista jkollha s-soċjetà *MIM Training and Development Services Limited***

1. F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ir-rexissjoni ta' ftehim mal-konvenuti għax igħid illi l-kunsens tiegħu kien vizzjat u qiegħed jitlob lura dak li ħallas taħt tal-ftehim.

2. L-attur fisser illi bis-saħħa ta' ftehim mal-*Malta Institute of Management* ["l-Istitut"] – li tiegħu l-attur kien u għadu membru – huwa beda kors ta' studji, immexxi mill-istess Istitut, li jwassal għall-grad ta' *Doctor of Business Administration* ["DBA"] mal-*Maastricht School of Management* tal-Olanda. Għal dan il-kors ta' studji ħallas sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500), daqs ħmistax-il elf,

mija u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,140.93).

3. B'ittra tas-27 ta' Lulju 2004 l-attur ġie mgħarraf illi t-titoli akkademiċi mogħtija mill-*Maastricht School of Management* ma humiex magħrufa formalment f'Malta u lanqas ma huma uffiċjalment akkreditati u magħrufa mill-awtoritajiet akkademiċi olandiżi. L-Istitut ma kienx għarraf lill-attur b'dan qabel ma ntrabat li jibda l-kors.

4. L-attur igħid illi l-għarfien tat-titolu akkademiku li jikseb meta jtemm l-istudji huwa "kwalità intrinsika, determinanti u sostanzjali tal-oġġett" li ftiehem dwaru, *i.e.* tal-kors ta' studji. Li kien jaf bin-nuqqas ta' għarfien ma kienx jagħmel dan il-kors, u ma kienx jidħol fi ftehim mal-Istitut. Igħid għalhekk illi l-kunsens tiegħu għall-ftehim kien vizzjat b'mod li għandu jwassal għar-rexissjoni tal-ftehim.

5. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti, ukoll b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 2005[1], biex iroddulu l-flus li ħallas, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

i. tgħid illi l-ftehim tal-25 ta' Ġunju 2001 bejn l-attur u l-Istitut għandu jitħassar minħabba vizzju tal-kunsens tal-attur;

ii. għalhekk tirrexxindi ftehim imsemmi;

iii. tgħid illi l-konvenuti għandhom iroddu lill-atturi s-somma ta' sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500), daqs ħmistax-il elf, mija u erbgħin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€15,140.93), lilhom imħallsa bħala *tuition fees* taħt il-ftehim imsemmi; u

iv. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi dik is-somma flimkien mal-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 2005.

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-konvenuta *MIM Training and Development Services Limited* ["*MIM*"] għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma għandha ebda interess fil-proċeduri;

ii. l-atturi jridu jġibu prova tal-interess ġuridiku tagħhom għax il-ħlas sar minn *KPMG* u l-konvenuti qatt ma ntalbu ħlas mingħand dawn;

iii. il-konvenuti wettqu l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħhom, u f'kull każ ir-raġunijiet mogħtija

[1] Numru 4117/2005.

mill-atturi għala l-attur naqas milli jkompli l-kors ma humiex raġunijiet tajba biżżejjed biex il-kuntratt jitwarrab: għalhekk l-atturi ma jistgħux jitolbu rexissjoni tal-kuntratt u li jintradd il-ħlas; barra minn hekk id-dokumenti relativi għall-kors jgħidu "*Please also note that no refunds will be made, for whatever reason, after admission to programme*"[2];

iv. l-attur kien ġà wera illi ma setax ikompli l-kors minħabba raġunijiet personali li ma jidhirx li kellhom x'jaqsmu mal-pożizzjoni li qiegħed jieħu fil-kawża tallum;

v. ma huwiex minnu dak li qiegħed igħid l-attur illi l-grad akkademiku ma huwiex magħruf;

vi. f'kull każ l-atturi qegħdin jitolbu li jindraddilhom il-ħlas kollu, bla ma jqisu illi l-attur ħa benefiċċju minn dik il-parti tal-kors li laħaq għamel.

7. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: fl-2001, meta kien impjegat ma' *KPMG*, ditta privata, l-attur, li kien ilu xi snin membru tal-Istitut, tħajjar jagħmel kors ta' studji ma' *Maastricht School of Management* li jwassal għal DBA li kien reklamat u amministrat f'Malta mill-Istitut. Ġie aċċettat għall-kors u għamel l-ewwel ħlas ta' elfejn u erba' mitt lira (Lm2,400) fil-5 ta' Ottubru 2001. Ir-riċevuta nħarġet minn *MIM*[3]; din għalhekk għandha leġittimazzjoni passiva biex tkun imħarrka għar-radd tal-ħlas u l-eċċezzjoni relativa hija miċħuda.

8. Ħlasijiet oħra saru minn *KPMG* iżda dawn kienu parti mill-pakkett rimuneratorju li kellu l-attur u għalhekk il-ħlas effettivament sar minn flusu, tant illi r-riċevuti nħarġu fuq ismu. L-interess ġuridiku tal-atturi huwa għalhekk stabilit, u l-eċċezzjoni relativa hija miċħuda wkoll.

9. L-attur temm b'suċċess l-ewwel erba' *modules* tal-kors u nħarġulu ċ-ċertifikati relativi fil-5 ta' Settembru 2002, fl-24 ta' Settembru 2002, fil-31 ta' Ottubru 2002 u fl-10 ta' Frar 2003[4]. L-attur igħid illi hekk kif beda jgħaddi ż-żmien bdew jiġuh dubji dwar is-serjetà tal-kors u tal-*Maastricht School of Management* għax beda jinnota illi din aktar kienet attiva fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Asja milli fl-Ewropa, u beda jibża' li kien qiegħed jaħli l-ħin u l-flus tiegħu fuq ħaġa li ma kinitx wisq tiswa f'Malta u fl-

---

2 *Fol*. 6.

3 *Fol*. 65.

4 *Affidavit* tal-attur, *fol*. 109.

Ewropa. Għalhekk qatagħha li flok ma jkompli l-kors sħiħ li jwassal għal DBA jasal biss sal-grad ta' M.Phil, u għamel talba għalhekk lill-Istitut.

10. Għandu jingħad iżda illi meta għarraf lill-Istitut b'din id-deċiżjoni tiegħu l-attur ma qal xejn dwar dawn id-dubji tiegħu; qal biss f'*e-mail* li bagħat fil-5 ta' Frar 2003 illi "*I regret to inform you that due to personal commitments I am not in a position to continue the programme further than the M.Phil. level at this stage*"[5]. L-Istitut ma aċċettax din il-proposta u insista li l-attur ikompli l-ħlasijiet miftiehma, u hedded ukoll proċeduri legali jekk l-attur ma jħallasx. L-attur, għalkemm ipprotesta dwar il-fatt li r-regolamenti tal-kors ma kinux ċari dwar jekk setax jikseb M.Phil, madankollu iddeċieda li jkompli l-kors kollu sa DBA u għamel il-ħlas li jmiss.

11. Fil-fehma tal-qorti hija ħaġa x'aktarx stramba kif l-attur f'dan l-istadju ma qal xejn lill-Istitut dwar id-dubju tiegħu fuq l-għarfien tal-grad akkademiku: jekk ġewh dawn id-dubji u jekk hu minnu, kif qal fir-rikors maħluf, li ma kienx jidħol għall-kors li kien jaf mill-bidu li l-grad akkademiku ma kienx magħruf, kont tistenna illi jitkellem mill-ewwel hekk kif jiġuh id-dubji. Lanqas ma tista' tagħti wisq kredibilità għal dak li xehed l-attur illi ma semma' xejn dwar għarfien għax ma riedx jiġġieled mal-Istitut għax kien ilu membru ħafna snin[6]; meta l-Istitut hedded illi jekk l-attur ma jħallasx jieħu passi legali kontrieh, ma fadal ebda raġuni għal din id-delikatezza min-naħa tal-attur.

12. L-attur kompla jgħid illi d-dubji li kellu bdew jikbru meta f'Mejju tal-2003 bagħat l-ewwel abbozz tar-*research paper* tiegħu lit-*tutor* u dan baqa' ma wiġbux. Minkejja dan, f'Marzu tal-2004 għamel l-aħħar ħlas ta' elf u disa' mitt lira (Lm1,900). Imbagħad fid-19 ta' Mejju tal-2004 kiteb liċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni biex jitlobhom informazzjoni dwar *Maastricht School of Management*. Iċ-ċentru wieġeb fis-27 ta' Lulju 2004[7] u għarraf lill-attur illi, għalkemm "*the quality of the programs of study is subject to the same system of quality assurance as the programs offered by Dutch Higher Education Institutions*", madankollu t-titoli

[5] *Fol*. 91.
[6] Xiehda tal-attur fis-seduta tat-22 ta' Frar 2010, *fol*. 142.
[7] *Fol*. 10.

akkademiċi kienu għadhom ma humiex magħrufa. Fil-fatt, il-grad ta' DBA għadu ma huwiex magħruf sallum[8].

13. Relevanti ħafna fil-fehma tal-qorti huwa l-fatt illi f'Ġunju tal-2004 l-attur bidel ix-xogħol tiegħu u daħal jaħdem mas-servizz pubbliku fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Hawnhekk qamet il-kwistjoni jekk il-grad akkademiku li kien sejjer jikseb l-attur kienx itejjeb il-possibiltajiet li jimxi 'l quddiem fl-impjieg tiegħu mas-servizz pubbliku u jagħtihx dritt għal *allowances*. Dan il-fatt joħloq suspett serju fil-fehma tal-qorti illi l-kwistjoni tal-għarfien tal-grad akkademiku saret importanti għall-attur f'dan l-istadju u għal din ir-raġuni, u kien il-prospett illi jidħol fis-servizz pubbliku illi ipprovoka t-talba tiegħu tad-19 ta' Mejju 2004 għal informazzjoni dwar l-għarfien.

14. Meta mbagħad sar jaf illi l-grad akkademiku ma huwiex magħruf, u ma kien sejjer jagħtih ebda vantaġġ fl-impjieg tiegħu, l-attur igħid illi ħassu mqarraq u kien f'dan l-istadju illi ilmenta mal-Istitut illi ma kienx mgħarraf mill-bidu illi l-grad akkademiku ma kienx magħruf għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi f'Malta. L-Istitut wieġeb li la hu u lanqas *Maastricht School of Management* ma kellhom kontroll fuq l-awtoritajiet li jiddeċiedu jagħarfux it-titoli jew le, u irrifjuta li jrodd lill-attur il-ħlasijiet li kien għamel. L-attur imbagħad, wara li għamel talba għall-ħlas b'ittra uffiċjali, fetaħ il-kawża tallum.

15. L-attur qiegħed igħid illi l-kunsens tiegħu kien miksub bi żball dwar "kwalità intrinsika, determinanti u sostanzjali tal-oġġett", *i.e.* il-kwalità tal-grad akkademiku li jkun magħruf f'Malta. Il-materja hija regolata bl-art. 976(1) tal-Kodiċi Ċivili:

**976.** (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.

16. L-iżball irid jolqot "is-sustanza nfisha tal-ħaġa", dik li tiddetermina l-identità tal-ħaġa kif iqisha l-kontraent meta jagħti l-kunsens tiegħu. Bla ma nqisu l-kwistjoni jekk humiex daqshekk fondamentali biex jitqiesu parti mis-"sustanza nfisha" tal-ħaġa, dawn il-kwalitajiet f'kull każ iridu jkunu f'moħħ il-kontraent meta jagħti l-kunsens;

[8] X-xiehda ta' Dr James Calleja fis-seduta tat-22 ta' Frar 2010, *fol.* 123.

kwalitajiet li jiġu fi ħsieb il-kontraent wara li jkun ta l-kunsens ċertament ma humiex parti mis-sustanza.

17. Fil-każ tallum il-qorti ma hijiex sodisfatta illi tassew kien fil-ħsieb tal-attur illi l-grad akkademiku kellu jkun wieħed magħruf f'Malta biex jagħżel li jieħu l-kors, iżda temmen, għar-raġunijiet mogħtija fuq, illi kien biss meta daħal jaħdem fis-servizz pubbliku illi dan il-fattur sar relevanti għall-attur. Li ma kienx hekk, kien jitkellem mill-ewwel meta igħid li bdew jiġuh id-dubji fil-bidu tal-2003, u mhux igħid illi ried jieqaf "*due to personal commitments*"; seta' jistaqsi dwar l-għarfien tal-grad dak iż-żmien, u mhux jistenna sa Mejju tal-2004, meta kien sejjer jidħol fis-servizz pubbliku.

18. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma kienx żball fuq is-sustanza nfisha tal-oġġett tal-ftehim li wassal lill-attur biex jagħti l-kunsens, iżda kien il-bdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu li issa wasslu biex jixtieq jinħall mill-ftehim. Dan ma jwassalx għan-nullità tal-ftehim.

19. Fin-nota ta' osservazzjonijiet l-attur igħid ukoll illi kien hemm qerq min-naħa tal-konvenuti meta dawn ma qalulux li l-grad akkademiku ma kienx magħruf. Fil-fehma tal-qorti lill-attur ma seħħlux jagħmel prova ta' dan il-qerq. L-attur stess jaqbel illi l-konvenuti qatt ma qalu illi l-grad kien magħruf f'Malta[9], u għandu jingħad ukoll illi l-kwistjoni ta' għarfien fl-2001, meta l-attur beda l-kors, kienet x'aktarx nebuluża għax kien għadu ma twaqqafx iċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni biex jagħti għarfien formali; dak iż-żmien kien hemm biss uffiċċju fl-Università ta' Malta li jagħti biss parir – u mhux deċiżjoni formali – dwar x'jiswew titoli akkademiċi mogħtija barra minn Malta[10]. Ma jistax jibgħad għalhekk illi l-konvenuti kellhom xi informazzjoni uffiċjali dwar nuqqas ta' għarfien formali u ħbew din l-informazzjoni.

20. Fil-fehma tal-qorti ma jistax jingħad illi l-imġieba tal-konvenuti kienet qarrieqa, u lanqas għal din ir-raġuni ma jista' jitħassar il-ftehim.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta *MIM Training and Development Services*

9 Xiehda tal-attur fis-seduta tat-22 ta' Frar 2010, *fol.* 149.
10 *Affidavit* ta' Dr Paul Edgar Heywood, *fol.* 174.

*Limited* u l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-atturi, u tiċħad ukoll it-talbiet tal-atturi.  L-ispejjeż tal-eċċezzjonijiet miċħuda jħallsuhom il-konvenuti;  l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------